



C/2024/1916

1.3.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11334 – DPI / PI / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1916)

1. Fl-20 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (').

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Deutsche Post International B.V. (iktar ‘il quddiem “DPI”, in-Netherlands), ikkontrollata minn Deutsche Post AG (il-Ġermanja),
- Poste Italiane S.p.A. (“PI”, l-Italja).

DPI u PI se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta’ kumpanija ġdida ta’ impriżza konġunta (“NewCo”).

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta’ xiri ta’ ishma f’kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriżza konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- DPI hija kumpanija azzjonarja involuta fil-parteċipazzjoni, fil-finanzjament u fil-ġestjoni ta’ negozji, li topera indirettament fis-suq tas-servizzi ta’ konsenza ta’ pakketti żgħar permezz tas-sussidjarji tagħha,
- PI hija kumpanija holding li toffri servizzi li jvarjaw minn konsenza ta’ ittri u pakketti, loġistika, servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni għal sistemi ta’ ħlas, telekomunikazzjoni u servizzi tal-enerġija.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta’ EAC huma li ġejjin: l-iżvilupp ta’ network ta’ lockers minn fejn jinġabru l-pakketti fl-Italja għall-konsenza ta’ pakketti żgħar.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta’ konċentrazzjonijiet bejn l-impriżzi (‘), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11334 – DPI / PI / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta’ email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

(‘) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(‘) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
